MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Numru. 389/2006

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Denis Desira**

**(ID 111270(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Denis Desira ta’ 36 sena, imwieled Attard, fl-1 ta’ Marzu 1970, bin Alfred u Mary Grace imwielda Cardona, residenti Sunset Flat 3, Triq il-Qalb ta’ Gesu, Bugibba, temporanjament residenti gewwa ‘Gibja’, Flat 5, Triq J. Quintanus, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 111270(M);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Ottubru 2006 u matul dawn l-ahhar granet qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' x-xhieda mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta, salv illi d-difiza talbet illi jixhed mill-gdid l-imputat;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Ottubru 2006, l-imputat gie mwaqqaf minn PS 524 Paul Cassar u PC 626 Giancarlo Bennetti ghall-habta ta' nofs il-lejl, waqt li kien fil-vettura misjuqa minnu – *taxi* – gewwa Triq Princess Margaret, Gzira u waqt tfittxija fuq il-persuna tieghu, l-imsemmija ufficjali tal-pulizija nnutaw li bejn is-swaba ta' jdejh, huwa kellu borza zghira bi trab abjad, liema borza l-imputat beda jipprova jdahhalha fl-ispazju bejn il-*bonnett* ta' wara tal-vettura u l-*windscreen*.[1] Il-vettura giet mehuda gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u hemmhekk fil-*glove compartment* instabu tlettax-il borza ohra bi trab abjad – sitta minnhom gewwa pakkett tas-sigaretti *Rothmans* u sebgha ohra gewwa bott tal-*yoghurt.*[2] Fil-vettura nstabu wkoll *envelope* bis-somma ta' Lm450 fi flus kontanti[3], kif ukoll *cheque book* f'isem haddiehor. Sussegwentement, ghall-habta tas-2.10 a.m., waqt tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, gewwa kexxun fil-komodina fil-kamra tas-sodda, instabu wkoll disa' boroz ohrajn bi

[1] Xhieda ta' PS 524 Paul Cassar, a fol. 52 *et seq* tal-process; xhieda ta' PC 626 Giancarlo Bennetti, a fol. 54 *et seq* tal-process.
[2] Ara r-ritratti esebiti mar-relazzjoni ta' PS 239 Joseph Caruana, a fol. 51 tal-process.
[3] Jirrizulta mic-cedola bin-numru 128/2014 esebita a fol. 182 tal-process, illi meta nfetah l-*envelope* S/B/387/2006 (NC1) dan kien fih l-ammont ta' Lm500 u mhux Lm450, kif kien hemm indikat fuq l-istess *envelope.*

trab suspettat abjad gewwa bott tal-*plastic* zghir.[4] Izjed tard, imbaghad, waqt tfittxija fuq il-persuna tal-imputat, giet elevata s-somma ta' Lm390 fi flus kontanti u xi tlettax-il Dollaru Amerikan.[5]

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[6], jirrizulta illi huwa gie moghti s-segwenti dokumenti ghall-analizi:

1. Borza tal-*plastic* trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 05/10/06, Hin 2.00 AM, Elevat/i minn gol-komodina residenza ta' Dennis Desira, fil-presenza ta' Dennis Desira, minn PS 1044, WPC 239". F'din il-borza kien hemm bott tal-plastik ta' lewn vjola li fuqu kien hemm il-kliem, fost ohrajn ta' "Bicorbonate of Soda" u f'liema bott kien hemm disa' boroz zghar tal-*plastic* bi trab abjad gewwa fihom – Dan id-dokument inghata l-kodici tal-laboratorju 745/06/01;

2. Borza tal-*plastic* trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 05/10/06, Hin 00.10hrs, Elevat/i minn go idejn Dennis Desira (Gzira), fil-presenza ta' Dennis Desira ID 11270(M), minn PS 524 u PC 626". F'din il-borza kien hemm borza zghira tal-*plastic* li go fiha kien hemm trab abjad – Dan id-dokument inghata l-kodici tal-laboratorju 745/06/02;

3. Borza tal-*plastic* trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 05/10/06, Hin 00.45 hrs, Elevat/i minn Taxi ATY 026 Peugeot 406, fil-presenza ta' Dennis Desira ID 111270(M), minn PS 1044, WPC 237, PS 524 and PC 626". F'din il-borza kien hemm pakkett tas-sigaretti tal-marka 'Rothmans' li go fih kien hemm sitt boroz zghar tal-*plastic* li go fihom kien hemm trab abjad u bott tal-*plastic* tal-marka 'Benecol' li go fih kien hemm boroz zghar tal-*plastic* li go fihom kien hemm trab abjad – Dan id-dokument inghata l-kodici tal-laboratorju 745/06/03.

Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert, fit-trab abjad li kien hemm fit-tlieta u ghoxrin borza zghira tal-*plastic* fid-dokumenti 745/06/01 sa 745/06/03 rispettivament, f'ammont nett totali ta' 11.69 grammi, instabet fihom is-

[4] Xhieda ta' PS 524 Paul Cassar, a fol. 53 tal-process; xhieda ta' PC 626 Giancarlo Bennetti, a fol. 55 tal-process; xhieda ta' PS 1044 Gordon Calleja, a fol. 59 *et seq* tal-process; xhieda ta' WPC 237 Antonella Vella, a fol. 69 *et seq* tal-process. Ara r-ritratti esebiti a fol. 51 tal-process.
[5] Xhieda ta' PS 1044 Gordon Calleja, a fol. 60 tal-process.
[6] Esebita a fol. 48 tal-process.

sustanza kokajina. Il-medja tal-purita` tat-trab abjad li kien hemm fil-boroz zghar tal-*plastic* ghas-sustanza kokajina kienet ta’ cirka 51.7%. [sottolinear tal-Qorti]

Dwar din id-droga, fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-5 ta’ Ottubru 2006[7], l-imputat jghid illi l-qratas li nstabu fuqu, fil-vettura u fir-residenza tieghu, kienu lkoll tieghu, li dawn kienu jikkontjenu l-kokaina, li originarjament kienu 30 qartas u li taghhom, huwa kien hallas Lm15-il qartas. L-imputat qal illi dawn kien xtrahom minghand persuna ta’ nazzjonalita` Jugoslava meta huwa wasslu bit-*taxi* minn Bugibba lejn Paceville, f’nofs il-gimgha ta’ qabel. Skond l-imputat, dan il-Jugoslav hareg zewg bottijiet mill-*pouch* li kellu ma’ qaddu u talbu Lm25 ghal kull qartas, l-imputat talbu erbat iqratas bl-Lm20, izda l-Jugoslav qallu li ried inehhi kollox ghaliex l-ghada kien ser jitlaq minn Malta. Il-Jugoslav qallu wkoll sabiex jiehu kollox bil-prezz ta’ Lm20 il-qartas, l-imputat offrielu Lm15 u l-iehor accetta. L-imputat qal illi hallsu €1000, li kien ilu jipprova jfaddalhom Sajf shih u maghhom tah Lm30 ohra. L-imputat qal illi huwa kien juza l-kokaina u li kienu ilu juzaha madwar sentejn u li kien xtara din il-kokaina ghalih. Mistoqsi kemm kien juza kokaina, huwa wiegeb li gieli ma ha xejn u gieli ha hmistax-il pakkett u nnega li kien jitraffika l-kokaina. Qal ukoll illi forsi kien jiehu minn darbtejn sa tlett darbiet fil-gimgha. Dwar is-somma ta’ Lm390 u tlettax-il Dollaru Amerikan misjuba fuq il-persuna tieghu, l-imputat qal illi in kwantu ghas-somma ta’ Lm300, dawn kienu gejjin minn pagament ghall-*computer* li certu Pawlu kien akkwista minghand il-*partner* tal-imputat xi sitt xhur qabel u r-rimanenti kienu gejjin mix-xoghol tieghu bit-*taxi.* Mistoqsi ghalfejn huwa kien qal illi ma kellux droga d-dar meta fil-fatt instabulu disat iqratas ohrajn, huwa qal illi kien nesa u li tfixkel ghaliex mhux soltu li kien ihallihom id-dar u li d-dar ma kien ihalli xejn.

Fix-xhieda tieghu f’dawn il-proceduri[8], imbaghad, l-imputat qal illi fiz-zmien tal-kaz odjern, huwa kien ghaddej minn separazzjoni, li kellu hafna inkwiet ma’

---

[7] A fol. 11 *et seq* tal-process.
[8] A fol. 159 *et seq* tal-process. Il-Qorti qed tqis biss ix-xhieda li nghatat mill-imputat quddiem il-Qorti kif preseduta u mhux quddiem il-Qorti kif diversament preseduta u dan stante illi kif jirrizulta mill-verbal tat-8 ta’ April 2013, id-difiza ezentat lill-Qorti mis-smiegh mill-gdid tax-xhieda prodotta salv li jerga’ jixhed l-imputat.

martu specjalment ghal dak li kien jirrigwarda t-tfal, li t-tifel il-kbir kien ghaddej minn hafna problemi u li b'rizultat ta' dan l-inkwiet, kien jabbuza mill-kokaina. Qal illi huwa dejjem hadem, li dak iz-zmien kien kera *taxi*, kien jahdem lejl u nhar, izda kienet tigi gurnata li fiha kien jgharraq l-isforzi kollha tieghu. Fi kliemu, *"l-ewwel tahdem hmistax u ma kienx ikun hawn rokna fejn nista' naqla' lira u mmur u nirsisti u nahdem bil-lejl u bin-nhar u imbaghad kienet tigi siegha u ma nafx, xi haga nerga' nghidlek li llum qas kapaci nispjega lili nnifsi"*.[9] Izjed tard meta mistqosi jekk kellux xi *addiction* jghid ukoll *"Jekk nghidlek li kelli addiction, lanqas naf x'naqbad insejjhilha ghax meta nisma l-kelma addiction timmagina bniedem li jekk iqum filghodu jrid jaghmilha din. Jiena kont inqum filghodu l-ghada li nkun ghamilt xi froga u nghid x'ghamilt? Ghalfejn ghamiltha? Kien jghaddi perjodu ta' zmien u nerga'. Kien jinqalghali naqra inkwiet mal-mara jew it-tifel il-kbir jew hekk …"*[10].

Dwar dan il-kaz, huwa qal illi darba kien ghabba persuna minn hdejn ic-cinema f'Bugibba li offrielu l-kokaina, li dan kellu xi pakketti bil-kokaina, offriehomlu bi prezz u l-imputat tah prezz iehor. Qal illi sussegwentement, kienu ghaddew xi jumejn (ma kienx jiftakar ezatt kemm ghadda zmien), mar id-dar u t-tifel ried jahsillu l-karozza. Id-droga kienet fil-vettura u hu tellaghha mieghu sakemm it-tifel jahsillu l-karozza. Qieghed id-droga fil-kexxun tal-komodina, dahal jinhasel u dahhal ftit mill-pakketti mieghu u beda jiehu d-droga. Kif hareg, ghalkemm kien minghalih li ha kollox, nesa xi haga mid-droga fil-komodina. Huwa spjega illi ghalhekk meta gie mistoqsi jekk kellux droga d-dar, huwa kien wiegeb fin-negattiv, ghaliex kien minghalih li ha kollox. Qal li dakinhar li gie arrestat, huwa nstab b'borza f'idu ghaliex kien waqaf x'imkien iehor sabiex jerga' jiehu d-droga. Huwa qal illi qatt ma biegh droga.

Rigward is-somma ta' Lm450 li nstabet fil-vettura tieghu, l-imputat qal illi huwa kien jixtri pakkett *envelopes*, kien jaghmilhom bid-data ta' kull nhar ta' Tnejn ghaliex il-kera tat-*taxi* kienet tithallas kull nhar ta' Tnejn u kien iwarrab il-kera tat-*taxi* go dawn l-*envelopes.* Huwa spjega li bit-*taxi,* fis-Sajf kien jaqla' lira,

[9] A fol. 161 tal-process.
[10] A fol. 162 tal-process.

kuntrarjament ghax-Xitwa u ghalhekk kien iwarrab il-flus ghall-kera sabiex fejn possibbli, ikun jista' jhallas bil-quddiem u b'hekk iserrah rasu.[11] Dwar is-somma ta' Lm390 u tlettax-il Dollaru Amerikan, li nstabu fuq il-persuna tieghu, huwa qal illi kien thallas ta' *computer* li kien ilu li bieghu xi sitt xhur. Spjega li l-bqija tal-flus kienu gejjin mix-xoghol tieghu.[12]

In kontro-ezami, mistoqsi jekk din kinitx l-ewwel darba li akkwista l-kokaina, l-imputat wiegeb illi gieli kien jiltaqa' ma' xi hadd, izda ma kienx imur ifittex jixtri. Qal illi jekk kien jiltaqa' ma' xi hadd li jkollu d-droga, huwa kien jiehu u ghalhekk din ma kinitx l-ewwel darba. Qal illi huwa kien xtara d-droga f'zewg bottijiet u kienu maqsumin f'pakketti. Qal illi huwa kellu d-droga fil-*glove compartment* fil-vettura ghaliex huwa ma ried ihalli xejn id-dar minhabba t-tifel tieghu u ma jafx kif halla d-droga warajh fid-dar, "*bil-genn u bil-panic ghax qbadt niehu*"[13]. Rega' kkonferma li d-droga misjuba fil-vettura tieghu kienet intiza ghall-uzu tieghu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess aggravat tad-droga kokaina. Dak li qeghda tikkontesta d-difiza m'huwiex il-pussess tal-istess droga, fir-rigward ta' liema pussess l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri,[14] kif ukoll fl-istqarrija rilaxxjata minnu u waqt id-deposizzjoni tieghu, izda qeghda tikkontesta l-pussess bl-aggravanti. Skond id-difiza, id-droga misjuba fil-

[11] Dwar din is-somma ta' Lm450, in kontro-ezami (a fol. 111 *et seq* tal-process) PS 1044 Gordon Calleja xehed illi kien jiftakar li dawn il-flus kienu f'*envelope*, ghalkemm ma kienx jiftakar ezatt x'kien hemm miktub fuqhom u li kien jiftakar ukoll li l-imputat kien qallu li kienu flus li ried jaghti lil xi hadd ghal kera tat-*taxi*. In ezami (a fol. 70 tal-process) WPC 237 xehdet ukoll illi l-imputat kien qal li dawn il-flus kienu biex ihallas xi pagamenti ta' xi *taxi* u regghet ikkonfermat dan in kontro-ezami (a fol. 113 *et seq* tal-process).

[12] Dwar din l-ahhar somma, fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2009, xehed Paul Bonello (a fol. 107 *et seq* tal-process) li kkonferma li huwa kien xtara *computer* minghand it-tfajla tal-imputat madwar tlett snin qabel[12] u li kien xtrah bejn Lm300 u Lm350 ghaliex ma kienx jiftakar ezatt. Xehed ukoll illi huwa kien hallas lill-imputat fil-presenza tat-tfajla tal-istess imputat u ta' martu (ossia l-mara tax-xhud) u ftakar li l-ghada li tella' l-*computer* ghandu, sema' li l-imputat kien gie arrestat. Qal illi kien hallas lill-imputat fi flus kontanti.

[13] A fol. 172 tal-process.

[14] Ara verbal a fol. 144 tal-process.

pussess tal-imputat kienet intiza esklussivament ghall-uzu tieghu u mill-provi prodotti, ma jirrizultawx cirkostanzi li juru, fil-grad rikjest mil-ligi, illi kien xort'ohra.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."* U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

*" … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Issa f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni gabet il-prova fil-grad rikjest mil-ligi, kemm tal-kwantita` ta' droga misjuba, kif ukoll tal-pussess, li kif diga` inghad, gie wkoll ammess mill-imputat f'dawn il-proceduri. Huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, illi l-kwantita` ta' droga kokaina hekk misjuba ossia 11.69 grammi maqsuma fi tlieta u ghoxrin borza tal-*plastic* hija kwantita` konsiderevoli u li certament wiehed normalment ma jassocjahiex ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur.

Da parti tieghu, l-imputat jghid illi din id-droga kienet intiza ghall-uzu tieghu u li huwa ma kienx ibiegh id-droga. Dwar l-uzu tieghu mill-kokaina, fl-istqarrija tieghu, huwa jghid illi kien ilu jabbuza minnha madwar sentejn, li gieli ma ha xejn u gieli ha hmistax-il pakkett, ghalkemm f'dan il-kuntest ma jghidx f'kemm hin jew zmien, u li kien jiehu *"forsi minn darbtejn sa tliet darbiet fil-gimgha*

*skond*".[15] Fix-xhieda tieghu, madankollu, jghid li kien jaghmel zmien ghaddej tajjeb, jahdem kemm jiflah u imbaghad jigih mument hazin u jerga' jiehu d-droga u li l-ghada kien iqum u jiddispjacih, izda jghaddi perjodu ta' zmien u jerga' jaqa'. Minn din ix-xhieda, il-Qorti tifhem li l-imputat ma kienx jaghmel uzu mill-kokaina kuljum jew li kien jabbuza mill-kokaina kontinwament u lanqas li kellu vizzju preciz jew regolari. Anzi huwa stess jghid li b'*addiction* huwa jifhem li wiehed iqum filghodu u jahseb fid-droga, mentri ghall-kuntrarju, huwa kien jaghmel perjodu sejjer tajjeb u imbaghad jerga' jiehu u jiddispjacih. Meta wiehed iqis illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi originarjament, huwa xtara tletin pakkett kokajina f'nofs il-gimgha ta' qabel u illi fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Ottubru 2006 ossia fil-lejl ta' bejn l-Erbgha u l-Hamis tal-gimgha ta' wara, instabu fil-pussess tieghu tlieta u ghoxrin pakkett kokaina, isegwi skond dak li jghid l-imputat, illi huwa kkonsma seba' pakketti kokaina f'temp ta' gimgha. Il-pakketti li nstabu fil-pussess tal-imputat, skond ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, ivarjaw fil-piz, hlief ghal tlieta li kellhom piz ta' 0.288 grammi, 0.923 grammi u 0.820 grammi rispettivament, bejn 0.364 grammi u 0.660 grammi u l-piz medju tal-pakketti meta mehuda lkoll flimkien kien ta' 0.508 grammi, li jfisser ukoll illi f'gimgha l-imputat ikkonsma madwar 3.556 grammi. Meta wiehed ghalhekk iqis l-ammont li skond l-imputat, huwa kkonsma f'gimgha u l-ammont li nstab fil-pussess tieghu, f'piz nett totali ta' 11.691 grammi, u li originarjament huwa kellu 30 pakkett, b'piz ghalhekk ta' madwar hmistax-il gramma, jirrizulta illi dan l-ammont jizboq ferm l-ammont li l-imputat effettivament, skond hu, ikkonsma. Mhux biss, izda li l-imputat kien jaghmel perjodi twal tajbin u jiehu d-droga f'mumenti hziena u mbaghad jiddispjacih u li ghalhekk ma kienx wiehed li jikkonsma d-droga kuljum jew kontinwament kif inghad qabel, m'huwiex rikonciljabbli ma' xiri ta' droga f'tant kwantita`.

Imbaghad irid jinghad ukoll illi fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi ma kienx ifittex biex jixtri l-kokaina izda meta kien jiltaqa' ma' xi hadd li jkollu, kien jiehu – dan fil-fehma tal-Qorti jkompli juri kemm il-vizzju tal-imputat ma kienx wiehed kontinwu u jirrendi inqas plawsibbli l-ispjegazzjoni tieghu li xtara tletin pakkett kokajina f'daqqa ghall-uzu personali tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll in oltre illi ghalkemm l-imputat jghid fix-xhieda tieghu, illi qatt ma biegh droga u li

[15] A fol. 12 tal-process.

kien ikun jixtieq li jibqghalu izjed fil-mument li jkun qed jikkonsma, fil-verita` l-kokaina li nstabet fil-pussess tieghu kienet ilha ghandu madwar gimgha, izda kien ikkonsma biss seba’ pakketti minn tletin u ghalhekk kif inghad, il-vizzju tieghu ma kienx tali li jiggustifika l-pussess ta’ dik il-kwantita` ta’ droga.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat kellu ben erbatax-il pakkett fil-vettura tieghu meta nqabad mill-pulizija. Huwa jiggustifika dan billi jghid illi ma kienx solitu li jhalli d-droga d-dar biex ma jsibhiex ibnu u illi dakinhar instabet id-droga d-dar ghaliex nesa xi haga minnha warajh u dan ghaliex kien beda jiehu d-droga fid-dar stess qabel hareg. Dwar dan il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-imputat fil-waqt illi jghid illi ma riedx ihalli droga d-dar sabiex ibnu ma jsibhiex, min-naha l-ohra ma ddejjaq xejn jiehu d-droga gewwa d-dar meta skond hu, kien hemm ukoll ibnu. Fit-tieni lok, skond il-verzjoni tieghu, l-imputat kien ghadu kemm pogga d-droga fil-kexxun tal-komodina ftit tal-hin qabel u ghalhekk il-Qorti ssibha difficli li temmen li l-imputat kien nesiha hemm, kif jghid hu. Ma kienx il-kaz li l-imputat pogga d-droga fil-kexxun xi jiem qabel u ghalhekk seta’ nesa x’kellu, izda poggiha hemmhekk dakinhar stess. Imbaghad, wiehed irid iqis illi l-imputat halla warajh disat iqratas u mhux qartas jew tnejn, liema disat iqratas kienu jinsabu f’bott tal-*plastic* – jekk kif jghid hu, kien ilu jdur b’dawn iz-zewg bottijiet (dak tal-*yoghurt* li nstablu fil-karozza u dak li nstab fil-kexxun fil-komodina) gimgha shiha fil-vettura tieghu, ma kienx difficli li jinnotta n-nuqqas ta’ bott minnhom.

Imbaghad il-Qorti ma tistax ma tinnutax il-messaggi li nstabu fuq il-*mobile phone* tal-imputat. Veru li dawn il-messaggi mkien ma jirreferu specifikatament ghad-droga, izda meta wiehed iqis ic-cirkostanzi li fihom instabet id-droga – u cioe` il-kwantita` ta’ droga misjuba fil-pussess tal-imputat, il-mod kif din kienet maqsuma fi tlieta u ghoxrin qartas u li din instabet fil-vettura tieghu meta di piu` huwa kien jahdem b’*taxi* – l-istess messaggi jkomplu jwasslu lill-Qorti sal-konvinciment morali illi tali droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat. F’messagg minnhom lil certu Dizy fl-1 ta’ Ottubru 2006, fis-1.18 l-imputat jghid hekk: “*All the same dav … Give it some time … Take my word*”, fis-1.21, “*They r all the rame man .. U do not have to look bad in 15 min your friends will love u …*” u fid-9.31 “*Bongu dizy couse an ass hole bumped into me while s.Ms with u last night … U do not know me yet*

*mate I do not fuck around with people and I swear on my childrens lives that I never mix shit with these things, that some of it like lost a bit of taste I admite but after a while it works the same .. Pls do not think i tried to fuck u up, and tell your friends that when u what i got 2 free for u and tacke theme but count me always as a man …".*[16] Dan l-ahhar messagg ma jhallix dubju ghal x'hiex kien qed jirreferi l-imputat fl-istess messagg, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

A bazi ta' dawn ic-cirkostanzi mehuda lkoll flimkien, ghalhekk, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, liema fedina penali kienet tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar serq ta' ilma, reat bi ksur tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u reati bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku. Skond il-fedina penali aggornata tieghu sa Gunju tas-sena 2009, jirrizulta illi in oltre l-imputat instab hati talli naqas li jhallas il-manteniment ghal martu u ghal uliedu fi tlett okkazzjonijiet.

Qieset ukoll illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu kwantita` sostanzjali ta' pakketti bil-kokaina ossia tlieta u ghoxrin pakkett b'piz nett ta' 11.691 grammi u b'purita` medja pjuttost gholja ta' 51.7%.

Qieset ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Carmen Nygaard[17], mil-liema jirrizulta illi l-imputat irnexxielu jeghleb il-vizzju tad-droga

[16] Ara r-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, a fol. 84 tal-process.
[17] A fol. 105 tal-process.

wahdu, illi ezami ta' kampjun tal-urina li ttehidlu ghall-gharrieda fit-8 ta' Gunju 2009 irrizulta fin-negattiv ghal tehid ta' sustanzi lleciti, illi l-imputat dejjem hadem u li llum ghandu hajja stabbli. Mix-xhieda ta' PS 914 Ivan Mifsud[18] jidher illi l-imputat nidem tal-izbalji tieghu.

Dwar il-flus misjuba fil-pussess tal-imputat, ossia s-somom ta' Lm390 u tlettax-il Dollaru Amerikan misjuba fuq il-persuna tieghu u s-somma ta' Lm450 (effettivament Lm500) misjuba fil-vettura tieghu, fir-rigward tal-ewwel somma, jirrizulta illi x-xhieda tal-imputat dwar il-provenjenza tas-somma ta' Lm300 (parti mis-somma ta' Lm390) giet ikkorroboratha wkoll mix-xhud Paul Bonello, fil-waqt illi fir-rigward tar-rimanenti somma ta' Lm90 u tlettax-il Dollaru Amerikan u s-somma ta' Lm450, skond l-imputat il-provenjenza taghhom, kienet mix-xoghol tieghu. F'dan ir-rigward, m'hemmx prova fil-grad rikjest mil-ligi illi dan ma kienx il-kaz u ghaldaqstant ser tordna r-rilaxx ta' dawn l-istess flus favur l-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva u multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagement wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

[18] A fol. 148 *et seq* tal-process.

Tordna lill-hati jhallas l-ispejjez relatati mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u tal-proceduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' Lm198.24 ekwivalenti ghas-somma ta' erba' mija, wiehed u sittin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€461.77), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 239 Joseph Caruana ammontanti ghas-somma ta' Lm16.50 ekwivalenti ghas-somma ta' tmienja u tletin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€38.43) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' mitejn, tlieta u erbghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€234.46), b'kollox ammontanti l-istess ispejjez ghas-somma ta' seba' mija, erbgha u tletin Euro u sitta u sittin centezmu (€734.66). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-imputat fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*mobile* esebit bhala Dokument NC3 u r-rilaxx tal-flus esebiti bhala Dokumenti NC1 u NC4 rispettivament u tac-*cheque book* esebit bhala Dokument NC2 favur il-hati.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal, li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------